# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D.

Seduta tas-26 ta' Mejju 2016

Appell Nru: 60/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Sabrina Tanti**

**David Frank Charles Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti Sabrina Tanti detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 187569M u David Frank Charles Muscat, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21894M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' fil-blokka t' appartamenti bl-isem ta' 'Porchester Flats', Triq l-Ghollieq, Mosta nhar it-8 ta' Ottubru, 2013 u fil-jiem ta' wara minghajr il-hsieb li jisirqu u/jew jaghmlu l-hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghelu jew xort' ohra bl-awtorita' taghhom innifishom, fixklu lil Aaron Borg, lil Noel Galea, lil Bernardette Galea, lil Jesmond Paul Gauci u lil Vivian Evangelista Gauci ghall-access tal-bejt tal-istess Blokka billi biddlu s-serratura tal-bieb tal-bejt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Frar, 2015, li biha l-Qorti sabet lill-imputati hatja u lliberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien gimghatejn minn dakinhar ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta *kif ukoll li l-bejt ghandu jigi access liberu fin-nuqqas multa ta' hamsin ewro (€50) kuljum li jiddikorru mit-(12) tnax ta' Frar, 2015*.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sabrina Tanti u David Frank Charles Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza minhabba karenza ta' formalita' essenzjali fiha senjatament ghaliex ma tindikax l-artikolu tal-ligi li dwaru instabet htija kif ukoll l-ommissjoni tal-Ewwel Qorti li ssemmi l-fatti tar-reat;

L-Ewwel Qorti, wara li rriproduciet l-imputazzjoni kif riportata fic-citazzjoni kompliet tirredigi s-sentenza taghha bil-mod kif hawn riprodott:

*Il-Qorti:*

*Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;*

*Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Wara li semghet ix-xhieda mressqa;*

*Wara li rat l-Artikoli …tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ikkunsidrat:*

*Din il-Qorti qed issib lill-imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien gimghatejn mill-lum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li l-bejt ghandu jigi access liberu u fin-nuqqas multa ta' hamsin ewro (50) kuljum li jiddikorru mit-tnax (12) ta' Frar, 2015.*

*Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.*

Illi ezaminata din is-sentenza huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li dwaru kienet instabet htija fil-konfront tal-appellanti. Dwar dan ma hemmx wisq x'jinghad ghaliex il-gurisprudenza hija univoka in rigward meta tteni illi tali nuqqas jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali rikjesta fuq piena ta' nullita fit-termini tal-artikolu 382(3) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Fuq dan l-aspett wahdu, din il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara s-sentenza appellata bhala wahda nulla u bla effett u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aspett tal-ewwel aggravju. Aktar kunsiderazzjonijiet in rigward ikunu superfluwi.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel aggravju, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra tal-appell, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti ikunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tinstema' u tkun deciza mill-gdid.

Giovanni M. Grixti

Imhallef